

Brussell, 1 ta' Awwissu 2016
(OR. en)

11605/16

PUBLIC 50
INF 138

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - FRAR 2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill fi Frar 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

TAGĦRIF DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL FI FRAR 2016

It-3445 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fit-12 ta' Frar 2016

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1-11	63/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur minbarra: Ma ħadux sehem: DK, IE, UK
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni relatata mal-Artikolu 6 dwar l-oneru tal-prova Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li tħassar l-Artikolu 5, paragrafu 2, tal-proposta għal Direttiva dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti fi proċedimenti kriminali. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kompromess fir-rigward tal-Artikolu 6 jista' jwassal għal problemi fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, f'termini ta' ċertezza legali, monitoraġġ u operabbiltà, li jistgħu jżidu r-riskju ta' litigazzjoni mhux meħtieġa, b'mod partikolari fil-livell nazzjonali. Madanakollu, il-Kummissjoni ma tostakolax l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.			
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni relatata mal-Artikolu 7, paragrafu 6, dwar id-dritt li wieħed jibqa' sieket u d-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikolu 7, paragrafu 6, tad-Direttiva dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti fi proċedimenti kriminali għandu jkun interpretat bħala biss li jikkonferma l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddeċiedu li, fir-rigward ta' reati minuri, it-tweqqiġ tal-proċedimenti, jew ċerti stadji minnhom, jistgħu jsejtnu bil-miktub jew mingħajr interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata mill-awtoritajiet kompetenti. F'kuntrast ma' dan, din id-dispożizzjoni ma tippermettix deroga mid-drittijiet minnuxa fl-Artikolu 7, u tista' notevolment ma tkunx interpretata bħala obbligu għal suspettat li jagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni relatata mal-fatti inkwistjoni jew li tippermetti lil Stat Membru milli jislet konsegwenzi negattivi mill-eżerċizzju tad-dritt tas-suspettat li jibqa' sieket.			

Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 81, 31.3.2016, p. 1-50	57/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Fir-rigward tal-premessa 65 u l-possibbiltà li l-Parlament Ewropew ikun mistieden għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti, il-Kummissjoni ser timplimenta din il-premessa f'konformità mal-prattika tagħha fl-implimentazzjoni tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Skont dan l-arranġament, il-laqgħat tal-Kumitat tal-Komitoloġija huma esklużi b'mod espliċitu. Fir-rigward tar-referenza għall-ksur fl-istess premessa, il-Kummissjoni tikkunsidra li din hija qarrieqa peress li l-proċedimenti tal-ksur huma diskussi mal-Istati Membri fil-kuntest tal-proċeduri stipulati skont l-Artikolu 258 TFUE. Il-Kummissjoni tesprimi dispjaċir fir-rigward tal-adozzjoni tal-Artikolu 44(5) u l-premessa 64, li toħloq konfużjoni u inċertezza legali, u tista' tikkomprometti l-bilanċ istituzzjonali. Ir-rwol tal-Kumitati tal-Komitoloġija li jiżguraw il-kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni huwa definit biss permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, adottat abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-ebda att leġislattiv sekondarju ieħor ma jista' jbidel jew ikun jeħtieġ jispeċifika ulterjorment dan ir-rwol. B'mod partikolari, il-Kumitati tal-Komitoloġija ma għandhomx iwettqu l-funzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-regoli tal-proċeduri tal-kumitati huma adottati mill-kumitati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Għalhekk, huma għandhom jiġu applikati meta l-Kumitat jeżerċita r-rwol tiegħu kif definit permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Kwalunkwe referenza għar-regoli tal-proċeduri barra minn dan il-kuntest hija superfluwa u mhux xierqa. Din toħloq ukoll ir-riskju li twassal għal kumplikazzjonijiet fil-funzjonament tal-kumitat.			
Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51-98	58/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur minbarra: Kontra: UK

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-premessa 52 u l-possibbiltà li l-Parlament Ewropew ikun mistieden għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti, il-Kummissjoni ser timplimenta din il-premessa f'konformità mal-prattika tagħha fl-implimentazzjoni tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Skont dan l-arranġament, il-laqgħat tal-Kumitat tal-Komitoloġija huma esklużi b'mod espliċitu. Fir-rigward tar-referenza għall-ksur fl-istess premessa, il-Kummissjoni tikkunsidra li din hija qarrieqa peress li l-proċedimenti tal-ksur huma diskussi mal-Istati Membri fil-kuntest tal-proċeduri stipulati skont l-Artikolu 258 TFUE.

Il-Kummissjoni tesprimi dispjaċir fir-rigward tal-adozzjoni tal-premessa 51 u tal-Artikolu 44(5) li toħloq konfużjoni u inċertezza legali, u li tista' tikkomprometti l-bilanċ istituzzjonali. Ir-rwol tal-Kumitati tal-Komitoloġija li jiżguraw il-kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni huwa definit biss permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, adottat abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-ebda att leġislattiv sekondarju ieħor ma jista' jbidel jew ikun jeħtieġ jispeċifika ulterjorment dan ir-rwol. B'mod partikolari, il-Kumitati tal-Komitoloġija ma għandhomx iwettqu l-funzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-regoli tal-proċeduri tal-kumitati huma adottati mill-kumitati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Għalhekk, huma għandhom jiġu applikati meta l-Kumitat jeżerċita r-rwol tiegħu kif definit permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Kwalunkwe referenza għar-regoli tal-proċeduri barra minn dan il-kuntest hija superfluwa u mhux xierqa. Din toħloq ukoll ir-riskju li twassal għal kumplikazzjonijiet fil-funzjonament tal-kumitat.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jilqa' dawk l-aspetti tal-leġislazzjoni li jissimplifikaw il-miżuri eżistenti tas-suq uniku permezz tal-allinjament tal-prinċipji tal-Qafas Leġislattiv il-Ġdid, kif ukoll dawk li jneħħu rekwiżiti ta' piż li hemm f'xi dettalji. Aħna nilqgħu b'mod partikolari t-titjib li sar matul in-negozjati biex jiġi żgurat li l-ingwanti domestiċi għall-ħasil tal-platti jkunu barra mill-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, ir-Renju Unit ma jappoġġax l-idea li r-rekwiżiti tar-Regolament jiġu estiżi għall-ingwanti tal-forn li jintużaw fid-dar. Aħna nqisu dan bħala intervent sproporzjonat u mhux ġustifikat li mhuwiex konsistenti mal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni u l-viżjoni tagħha biex is-suq uniku jsir adatt għan-negozju u għall-konsumaturi - li hija wkoll il-viżjoni tar-Renju Unit.

Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99-147	59/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
--	-------	------------------------	------------------------------

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-premessa 74 u l-possibbiltà li l-Parlament Ewropew ikun mistieden għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti, il-Kummissjoni ser timplimenta din il-premessa f'konformità mal-prattika tagħha fl-implimentazzjoni tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Skont dan l-arranġament, il-laqgħat tal-Kumitat tal-Komitoloġija huma esklużi b'mod espliċitu. Fir-rigward tar-referenza għall-ksur fl-istess premessa, il-Kummissjoni tikkunsidra li din hija qarrieqa peress li l-proċedimenti tal-ksur huma diskussi mal-Istati Membri fil-kuntest tal-proċeduri stipulati skont l-Artikolu 258 TFUE.

Il-Kummissjoni tesprimi dispjaċir fir-rigward tal-adozzjoni tal-Artikolu 42(5) u l-premessa 73, li toħloq konfużjoni u inċertezza legali, u tista' tikkomprometti l-bilanċ istituzzjonali. Ir-rwol tal-Kumitati tal-Komitoloġija li jiżguraw il-kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni huwa definit biss permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, adottat abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-ebda att leġislattiv sekondarju ieħor ma jista' jbidel jew ikun jeħtieġ jispeċifika ulterjorment dan ir-rwol. B'mod partikolari, il-Kumitati tal-Komitoloġija ma għandhomx iwettqu l-funzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-regoli tal-proċeduri tal-kumitati huma adottati mill-kumitati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Għalhekk, huma għandhom jiġu applikati meta l-Kumitat jeżerċita r-rwol tiegħu kif definit permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Kwalunkwe referenza għar-regoli tal-proċeduri barra minn dan il-kuntest hija superfluwa u mhux xierqa. Din toħloq ukoll ir-riskju li twassal għal kumplikazzjonijiet fil-funzjonament tal-kumitat.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/192 tat-12 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska ĠU L 38, 13.2.2016, p. 7-8	5416/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/242 tat-12 ta' Frar 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax ĠU L 45, 20.2.2016, p. 10-11	15508/15
Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħaxx	15510/15

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati"	5058/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014	5584/16
Kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 Abbozz ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill	5585/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014	5587/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet serji identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni mill-Greċja	5876/1/16 REV 1

Dikjarazzjoni mill-Greċja

Il-Greċja jiddispjaċiha li ma tistax tagħti l-kunsens tagħha għall-proposta tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet "serji" identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni mill-Greċja, jiġifieri fuq il-fruntieri tal-art u tal-baħar mat-Turkija.

Il-Greċja tixtieq itenni l-pożizzjoni tagħha, li s-sejbiet taż-żjara ta' evalwazzjoni mhux mistennija li twettqet mill-10 sat-13 ta' Novembru 2015 ma jikkostitwixxux "nuqqasijiet serji" u ma juru l-ebda evidenza li "Il-Greċja qed tittraskura serjament l-obbligi tagħha".

Il-Greċja tissottolinja wkoll li l-fluss migratorju enormi mħallat huwa ta' natura li tpoġġi l-kontroll tal-fruntiera esterna ta' kwalunkwe Stat Membru taħt pressjoni qawwija u, barra minn hekk, li hija ħadet għadd ta' miżuri biex tieħu ħsieb is-sitwazzjoni (kif imsemmi fi premessa (1a) tar-Rakkomandazzjoni). Barra minn hekk, għamilna dan bi spiża finanzjarja u soċjali nazzjonali sostanzjali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Greċja tinsisti fuq l-argumenti u l-kummenti li tqassmu waqt il-Kumitat ta' Schengen (id-dokumenti tal-kamra) u l-argumenti li ttennew fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen u l-COREPER.

Fl-aħħar nett, il-Greċja ser tkompli taħdem b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u Stati Membri oħra tal-UE biex tindirizza l-pressjoni migratorja sproporzjonata, biex timmobilizza r-riżorsi u biex tagħmel kull sforz fuq kollox biex tiproteġi r-rifuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Eurojust tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern u l-Eurojust	11595/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/267 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Emirati Għarab Magħquda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 1-2	7185/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/268 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Saint Lucia dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 3-4	7187/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/269 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth ta' Dominica dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 5-6	7189/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/270 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Grenada dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 7-8	7190/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/271 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Saint Vincent u l-Grenadini dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 9-10	7191/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/272 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 11-12	7192/15

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/273 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' Timor Leste dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 13-14	7194/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/274 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Indipendenti ta' Samoa dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 15-16	7195/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/275 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Trinidad u Tobago dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 52, 27.2.2016, p. 17-18	7196/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/431 tat-12 ta' Frar 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi ĠU L 76, 23.3.2016, p. 17-18	15466/15
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi	15469/15
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/254 tat-12 ta' Frar 2016 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (DRV) fil-Latvja ĠU L 47, 24.2.2016, p. 8-9	13060/15

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/243 tat-12 ta' Frar 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ĠU L 45, 20.2.2016, p. 12-12	15560/15
Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea	15562/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/204 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (ultra-wideband) ĠU L 39, 16.2.2016, p. 39-42	15443/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/203 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE (statistika dwar infiq għall-kura tas-saħħa) ĠU L 39, 16.2.2016, p. 36-38	15439/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/202 tat-12 ta' Frar 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE mwaqqaf bil-Ftehim preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Parti tal-Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ĠU L 39, 16.2.2016, p. 28-35	12151/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/342 tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra ĠU L 71, 16.3.2016, p. 1-2	10725/2/15

Dikjarazzjoni minn Ċipru

Ir-Repubblika ta' Ċipru ttenni l-pożizzjoni tagħha li ma tirrikonoxxi id-Dikjarazzjoni Unilaterali tal-Indipendenza tal-2008 mill-Kosovo u tqis li l-isem "Kosovo" huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/1999 tal-KSNU u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Ir-Repubblika ta' Ċipru tiddikjara wkoll li l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra, ma jippreġudikawx il-pożizzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru dwar l-istatus tal-Kosovo, li ser tiġi deċiża skont il-prattika nazzjonali u d-dritt internazzjonali, u ma jistabbilixxu ebda relazzjoni mat-trattati jew obbligi fisem ir-Repubblika ta' Ċipru lejn il-Kosovo.

L-użu tal-bażi legali għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo, inkluż l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru dwar l-istatus internazzjonali tal-Kosovo, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Barra minn hekk, l-iffirmar u l-konklużjoni u tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra fl-ebda każ ma għandhom joħlqu xi preċedent fir-rigward tar-relazzjonijiet futuri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo.

Dikjarazzjoni mis-Slovakkja

Ir-Repubblika Slovakka tiddikjara li l-pożizzjoni tagħha rigward id-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni nazzjonali tagħha dwar l-istatus tal-Kosovo u hija konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja

Il-pożizzjoni ta' Spanja dwar l-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni Spanjola dwar l-istatus internazzjonali tal-Kosovo u hija konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

L-użu tal-bażi legali għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo tal-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea b'rabta mal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni Spanjola dwar l-istatus internazzjonali tal-Kosovo u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Il-formulazzjoni li ssemmi l-perspettiva Ewropea tal-Kosovo tista' tinftiehem biss bħala approssimazzjoni lejn l-UE, mingħajr l-għan aħħari tal-adeżjoni mal-UE, peress li d-dikjarazzjoni unilaterali tal-indipendenza mhijiex rikonoxxuta unanimament.

Dikjarazzjoni mir-Rumanija

Ir-Rumanija ser tieħu nota tal-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra.

Ir-Rumanija ttenni l-pożizzjoni nazzjonali tagħha li ma tirrikonoxxi il-Kosovo bħala Stat.

Il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo mill-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika sseħħ mingħajr ma tippreġudika l-pożizzjoni tar-Rumanija fir-rigward tal-istatus tal-Kosovo u bl-ebda mod ma tippreżumi r-rikonoxximent mir-Rumanija tal-istatus ta' stat għall-Kosovo.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jilqa' l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra.

Madankollu, ir-Renju Unit iqis li l-Ftehim fih dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju u riammissjonijiet li huma skont it-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni. Ir-Renju Unit ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-Rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-ebda dispożizzjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont dak it-Titolu ma għandu jkun vinkolanti jew applikabbli fir-Renju Unit, ħlief jekk, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll, huwa jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jixtieq jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' miżura proposta.

Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21), ir-Renju Unit innotifika lill-President tal-Kunsill li, safejn id-Deċiżjonijiet jirrigwardaw il-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għan-negozju, huwa għandu l-intenzjoni li jipparteċipa fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni terġa' ttenni li hi ma taqbilx maż-żieda tal-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva għall-firma u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra. Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 217 TFUE huwa bażi legali li tħaddan kolloxx, billi tagħti lill-Unjoni s-setgħa li tiegħu impenji ma' pajjiżi mhux membri fl-oqsma kollha koperti mit-Trattati, li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, tkopri wkoll il-PESK.

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim li jestendi l-Ftehim Qafas għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi ta' enerġija nukleari tal-Ġenerazzjoni IV

5297/16

Regola ta' votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata

Riżultat tal-votazzjoni: L-Istati Membri kollha favur, minbarra:

Kontra: AT, DK, LU

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu	6068/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014	5583/16 ADD 1 Regola ta' votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata Riżultat tal-votazzjoni: L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: NL, SE, UK

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja u r-Renju Unit

B'referenza:

- għar-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fir-rigward tas-sena finanzjarja 2014;
- għall-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2014;
- għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014;

Ir-Renju Unit u l-Iżvezja:

Tassew jiddispijaċihom li, għall-wieħed u għoxrin sena konsekuttiva, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma setgħetx tagħti Dikjarazzjoni ta' Aċċertament pożittiva dwar il-baġit tal-UE fl-intier tiegħu u li r-rata globali ta' żbalji għan-nefqa għadha ogħla b'mod sinifikanti mil-limitu aċċettabbli ta' 2 %, bi tnaqqis marġinali mis-sena l-oħra għal 4.4 %;

Jenfasizzaw l-importanza ta' awditu indipendenti tal-fondi tal-UE fil-livell tal-UE u b'sodisfazzjon kbir jilqgħu l-approċċ il-ġdid tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-awditu tal-prestazzjoni kif stabbilit fir-rapport annwali tal-2014, waqt li jiddispijaċihom tal-konklużjonijiet skoraggianti ta' dan l-awditu;

Jilqgħu diskussjoni dwar kif il-baġit tal-UE jista' jitfassal biex jappoġġa aħjar il-prijoritajiet politiċi globali, jagħti r-risultati u jwieġeb għal sfidi mhux mistennija, u f'dan ir-rigward jilqgħu l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Baġit biex jinkisbu r-Risultati";

Ihegħu lill-Kummissjoni u lill-Qorti jikkooperaw biex jidentifikaw miri prattiċi għall-programmi tal-UE li jkunu operazzjonali u li jistgħu jitkejlu, primarjament permezz ta' objettivi fil-livell tal-UE u ftehimiet ta' sħubija, li jistgħu jsarrfu l-prijoritajiet politiċi tal-UE f'risultati produttivi, flimkien mal-aktar sistemi adatti u effikaċi għall-kejl tal-prestazzjoni meta mqabbla ma' miri bħal dawn;

Jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-livelli ta' żbalji jvarjaw konsiderevolment bejn id-diversi oqsma tan-nefqa u li dan jitlob enfasi ċara mill-Kummissjoni u l-Qorti fuq oqsma ta' riskju għoli ta' żbalji sinifikanti, bil-ħsieb li l-kontrolli jitjiebu minflok neċessarjament jiżdiedu;

Ihegħu bis-sħiħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw aktar opportunitajiet biex jissimplifikaw ir-regoli u l-qafas regolatorju kumplessi li jirregolaw in-nefqa tal-baġit tal-UE sabiex titjieb il-konformità, kif ukoll biex l-enfasi tkun fuq il-kontrolli ex-ante aktar milli fuq il-kontrolli ex-post biss bil-għan li l-ħlasijiet isiru b'mod korrett mill-ewwel;

Billi fil-perijodu ta' programmar 2014-2020 il-programmi tnedew wara ħafna dewmien, jisħqu fuq l-importanza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri joħorġu gwida u taħriġ komprensivi u f'waqthom biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni korretta tar-rekwiżiti, u jhegħu lill-Kummissjoni għal aktar kooperazzjoni mal-Istati Membri biex jiġu mifhuma u jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-iżbalji sistemiċi u ripetuti;

Jiddispjaċihom mill-evalwazzjoni tal-Qorti li r-rata ta' żbalji setgħet tkun konsiderevolment inqas kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri għamlu użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma ddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni; Ma jaqblux mal-proposta tal-Kummissjoni li jiġu introdotti aktar rati ta' żbalji pluriennali alternattivi bir-riskju li jiżvijaw mill-metodoloġija indipendenti tal-Qorti għall-istima tal-livell ta' żbalji fil-baġit tal-UE; Ihegħgu bis-sħiħ lill-Kummissjoni biex tħalli l-livelli massimi ta' ħlas li ġew maqbula unanimament kif inhuma, b'mod partikolari billi: iżżomm id-dixxiplina fiskali fir-rigward tal-impenji; effettivament tiddiżimpenja l-appropriazzjonijiet mhux użati biex tagħmel il-wisa' għal prijoritajiet u programmi ġodda; iżżid it-trasparenza billi tipprovdi tbassir fit-tul, u tiżgura bilanċ bejn l-impenji u l-ħlasijiet; u Jiġbdu l-attenzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha ssaħħa l-isforzi biex jitnaqqsu l-bilanċi eċċessivi ta' flus kontanti fl-istrumenti finanzjarji, billi aktar minn EUR14-il biljun f'fondi mhux utilizzati għadhom marbuta fi strumenti bħal dawn, li jistgħu jintużaw għal ħtiġijiet u prijoritajiet aktar urġenti.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2017	5588/16
It-3446 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret Brussell fil-15 ta' Frar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol ĠU C 67, 20.2.2016, p. 1-5	15107/15
It-3447 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fil-15 ta' Frar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/208 tal-15 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/260 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ĠU L 39, 16.2.2016, p. 47-47	15551/15

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/207 tal-15 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ĠU L 39, 16.2.2016, p. 45-46	5489/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/220 tal-15 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ĠU L 40, 17.2.2016, p. 11-14	5450/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/214 tal-15 ta' Frar 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe ĠU L 40, 17.2.2016, p. 1-2	5495/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2016	5851/16
Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar "Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2016" - abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill (paragrafu 14) L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (KIPI) u tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tat xhieda ta' kunsens eċċezzjonali. Il-programm u l-pjattaforma poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw bħala prinċipji fundamentali r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. L-Ungerija għadha ddedikata għall-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet tan-nisa. Aħna nuru impenn kbir għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-KIPI u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll l-Aġenda 2030, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi. Billi t-terminu "is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi" huwa nieqes minn definizzjoni kunsenswali fuq livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea, l-Ungerija tinterpreta l-kontenut u l-ambitu tiegħu f'konformità mal-impenji internazzjonali ta' hawn fuq u l-leġislazzjoni nazzjonali.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burundi	5879/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja	5880/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija Ewropea fil-qasam tal-klima wara l-COP 21	6049/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova	6060/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarużja	5946/16

It-3448 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fis-16 ta' Frar 2016				
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI				
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-Awstrija		5864/1/16		
It-3449 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGHAŻAĠH, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fl-24 ta' Frar 2016				
ATTI LEĠISLATTIVI				
ATT		DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni (UE) 2016/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 65, 11.3.2016, p. 12-20		64/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI				
ATT			DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 16/2015 "Titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz tal-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija: jinħtieġu sforzi akbar"			6026/16	
Deċiżjoni (UE) 2016/407 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni mill-Belġju EGF/2015/007 — BE/Hainaut-Namur Glass) ĠU L 74, 19.3.2016, p. 34-35			5744/16	

Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016 ĠU C 105, 19.3.2016, p. 1-4	5685/16
It-3450 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI) li saret fi Brussell fil-25 ta' Frar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/350 tal-25 ta' Frar 2016 dwar il-konklużjoni tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħha fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ĠU L 65, 11.3.2016, p. 61-62	18079/13
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/280 tal-25 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusja ĠU L 52, 27.2.2016, p. 30-33	6178/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2016/277 tas-25 ta' Diċembru 20 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 52, 27.2.2016, p. 22-23	6193/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/276 tal-25 ta' Frar 2016 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarusja ĠU L 52, 27.2.2016, p. 19-21	6191/16

It-3451 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ) li saret fi Brussell fid-29 ta' Frar 2016

ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1-52	36/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur minbarra: Ma ħadux sehem: DK, IE, UK
Regolament (UE) 2016/400 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja u l-mekkaniżmu ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ĠU L 77, 23.3.2016, p. 53-61	73/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ĠU L 77, 23.3.2016, p. 62-64	74/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1-12		5444/16	

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tilqa' b'sodisfazzjon it-titjib propost b'rabta mas-sitwazzjoni legali attwali. Madankollu, l-Awstrija ma tistax tapprova l-proposta peress li hija tal-fehma li d-dispozzizzjonijiet għat-tnaqqis previsti fl-Artikolu 10(3) u (4) flimkien mal-Premessa 6 huma ġenerużi wisq, u ma tista' tara l-ebda ġustifikazzjoni għall-aġġornament awtomatiku annwali tal-gratifika għad-divertiment u l-gratifika speċjali għall-qadi tal-kompiti kif previst fl-Artikolu 19.

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/298 tad-29 ta' Frar 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-approvazzjoni ta' derogi għar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI) ĠU L 57, 3.3.2016, p. 4-7	5701/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija mill-Belġju	6197/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-Belġju	6200/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna mill-Belġju	6205/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam ta' assenza ta' kontrolli fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni bejn il-Ġermanja u Franza	6210/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tas-Suq Uniku	6622/16